**9 ta' Novembru, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Qorti

*versus*

Antoine R. Camilleri

**Disprezz tal-Qorti – *Nemo Judex In Causa Propria* – Interess tal-Qorti**

*Il-proċeduri ta' disprezz tal-Qorti huma stabbiliti mil-liġi aktar milli bl-iskop li tiġi kustodita d-dinjità tal-Qorti, biex tiġi tutelata l-amministrazzjoni tal-ġustizzja.*

*Minkejja l-okkju ta' kawża ta' disprezz tal-Qorti, il-Qorti mhix parti interessata f'dan il-ġudizzju. L-Imħallef ma għandu ebda interess personali fil-mertu tal-proċediment. L-uniku interess tal-Qorti u ta' l-Imħallef hu dak li jissussisti f'kull proċediment, ċjoè li ssir ġustizzja skond il-liġi.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni li tgħid hekk:

Billi inti dħalt fil-ħanut "*Rounders Sports Shop*" fir-Regional Road l-Imsida nonostante l-mandat ta' inibizjoni numru 1734/88 fl-ismijiet "Louis Camilleri *nomine et* kontra Antoine R. Camilleri" maħruġ minn din il-Qorti fil-11 ta' Novembru 1988 u notifikat lilek fl-istess data;

Għandek tgħid għaliex ma għandekx tiġi ddikjarat ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, u għalhekk kundannat għal xi waħda mill-pieni kontemplati fit-titolu XVII tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jew għal kull piena oħra applikabbli għall-każ skond il-liġi;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u ċjoè;

1. Preliminarjament illi din il-Qorti ma tistax tisma' u tiddeċidi l-kawża stante li tkun qed tivvjola l-prinċipju fundamentali tad-dritt *Nemo Judex in Causa Propria*, ċjoè l-Qorti, bir-rispett kollu ma tistax tiċċita lill-konvenut b'disprezz, kieku jeżisti, lejn l-awtorità tagħha u fl-istess ħin tkun hija stess li tisma' x-xhieda u tikkundanna lill-konvenut li jkun iddeprezzaha;

2. Sussidjarjament u bla preġudizzju għall-premess illi mhux minnu illi l-esponenti kiser l-ordni tal-Qorti li dejjem irrispetta u onora;

*Omissis;*

3. Għal dawn il-motivi t-talbiet għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż, dejjem, naturalment, jekk il-Qorti tista' tiddisponi hija minn din il-vertenza;

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat l-atti l-oħrajn;

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni preliminari illi:

1. L-okkju tal-proċediment odjern, "Il-Qorti kontra Antoine Camilleri" huwa infeliċi. Jagħti l-impressjoni li hemm kontrast bejn il-Qorti u l-konvenuti. Anki l-addebitu li l-konvenut huwa allegatament ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, jagħti dik l-impressjoni. B'danakollu fir-realtà ma hemm ebda kontesa bejn il-Qorti u l-konvenut;

2. Di fatti l-proċediment preżenti huwa stabbilit mil-liġi, aktar milli bl-iskop li tiġi kustodita d-dinjità tal-Qorti, biex tiġi tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja;

3. Minkejja l-okkju, il-Qorti mhix parti interessata f'dan il-ġudizzju. L-Imħallef ma għandu ebda interess personali fil-mertu tal-proċediment. L-uniku interess tal-Qorti u ta' l-Imħallef hu dak li jissussisti f'kull proċediment, dak ċjoè lil ssir ġustizzja

skond il-liġi. Għalhekk l-eċċezzjoni preliminari mhix sostenibbli;

Ikkunsidrat dwar l-addebitu illi:

4. Huwa allegat fiċ-ċitazzjoni li l-konvenut daħal fil-ħanut "*Rounders Sports Shop*" nonostante l-mandat ta' inibizzjoni numru 1734/88. Minn eżami ta' dan il-Mandat jirriżulta li l-konvenut f'dak il-mandat ġie inibit milli, fost affarijiet oħra, jidħol fl-uffiċċju tal-*Mercurius Trading Agency Limited,* u forsi mill-imħażen ta' dik is-soċjetà. Il-konvenut ma ġiex inibit milli jidħol fir-*Rounders Sports Shop* in partikolari, jew fil-ħwienet in ġenerali tas-soċjetà;

5. Huwa veru li fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat Louis Camilleri u oħrajn talbu li l-konvenut jiġi inibit "milli jidħol fil-fondi kollha sew jekk huma uffiċini, imħażen jew ħwienet" tas-soċjetà. Iżda din id-deċitura ma ġietx użata fil-mandat;

Għal dawn il-motivi, tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut u fil-meritu tilliberah mill-addebita magħmul lilu.